**Laqgħa B'Urġenza Numru 26**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**14 ta' Ġunju 2021**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' permezz ta' t-Teams u l-laqgħa saret b'mod virtwali. Il-laqgħa bdiet fl-11.54 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi - Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv



HS MA

**26.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

26.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lis-sedja li l-Kunsilliera Johnny Vella u Domenic Zerafa ma setgħux jidħlu għal-laqgħa minħabba mpenji oħra.

**26.2 Tender tal-Play Equipment għall-Playingfield tal-Ħamrija**

26.2.1 Is-Sindku stieden lill-Perit Edward Scerri biex jindirizza s-sedja.

26.2.2 Il-Perit Edward Scerri spjega li kien ġie kkuntattjat il-kuntrattur li kien irrakomanda l-bord tal-evalwazzjoni fejn il-kuntrattur kien ikkonferma li l-prezzijiet kienu għolew b'9.5. Barra minnhekk kien se jkun hemm varjazzjoni peress li l-kuntrattur kien ikkonferma li kien hemm żewġ playing equipment li ma kienx jista' jipprovdi peress li ma kienx għadu b'kuntatt ma' min jissuplixxi dan l-equipment. Il-perit spjega ukoll li kien qed jissuġerriexxi bdil fil-walking track biex isir bir-rubberised surface u dan kien se jkompli jżied il-varjazzjoni

26.2.3 Il-membri tal-Kunsill preżenti ikkunsidraw dawn il-fatturi kollha msemmija mill-Perit u fuq l-istess suġġeriment tal-Perit qablu li t-tender kellu joħroġ mill-ġdid u jinkludi ukoll ir-rubber flooring li kien qed jissuiġġerriexxi l-Perit.

**26.3 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

26.3.1 Il-laqgħa ntemmet fin-12.30pm.

Konfermati, illum 1 ta' Lulju, 2021

Hubert Saliba

Sindku

Marion Attard

Segretarju Eżekuttiv